MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1128/2004

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Anthony Scicluna**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm271.41) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat kagunati mill-konvenut lil propjeta' tas-socjeta' attrici waqt xoghlijiet f'Old Bakery Street, Valletta skond invoice 11885 (Dok. 'A') (GTI/2002/36).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghax, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher u milli jipprezenta Risposta.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Keith Grech in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant a tenur tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 380 u peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm271.41), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------